## REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 30 / 2012

Il-Laqgha Nru 30/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni saret l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2012 fis-6.15pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Christopher Cocker | Kunsillier Isla |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sinj. Davina Sammut Hili | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Christopher Spiteri | Sindku Marsa |
| Is-Sur Carmelo Bugeja | Kunsillier M'Xlokk |
| Il-Perit Roderick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Bormla
Sindku Zabbar
Sindku M'Scala
Sindku Zejtun

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.15pm.

**Quarterly Finanacial Statements Jannar 2012 – Marzu 2012**

30.1 Hekk kif bdiet il-laqgha, il-President talab li l-Agenda tigi sospiza sabiex jistieden lis-Sur Ramon Cutajar, prezenti, l-Accountant tar-Regjun (Mazars) fejn prezenta il-Quarterly Financial Statements. Gew spjegati aspetti ta' dhul u nfieq differenti biex giet imkejla l-performance tas-Sistema tal-Infurzar Lokali (LES). Aspett partikolari provda indikazzjoni tad-dhul u nefqa li kienu gia gew imhallsa u migbura biss (dawn jeskludu kontravenzzjonijiet agudikati u l-ispejjez rispettivi). Quarterly Financial Statements

Dawk prezenti riedu jaraw id-differenza bejn l-ispejjez bagitjati u dawk attwali f' dan l-aspett partikolari.

Ir- raguni hi :

1. L-ispiza tal-Wardens fl-ewwel kwart tas-sena kienet ta' €9,000 inqas milli gie bagitjat, u
2. L-ispiza ta' Datatrak fl-ewwel kwart kienet ta' €18,000 inqas milli gie bagitjat peress li l-ispejjez ta' Datatrak huma bbazati fuq kontravenzjonijiet li gew imhallsa

– (li sa l-ewwel kwart tas-sena dawn il-kontravenzjonijiet jammontaw ghal inqas milli bagitjat) izda bhala persentagg, in-nefqa bagitjata u n-nefqa attwali fuq Datatrak huma ta' 19.43% u 19.31% rispettivament. Dan ifisser li ghalkemm f' termini assoluti , l-infieq fuq Datatrak huwa inqas bhala persentagg, dawn huma pari fil-bagit.

Wara li dawk kollha prezenti segwew l-ispjega ta' dan ir-Rapport, approvawh unanimament.

Is-Sindku tal-Kalkara ippropona mozzjoni li jsir studju aktar profond dwar il-kontravenzzjonijiet li jibqghu ma jithallsux – dan billi jigi kummissjonat ezercizzju profond bejn l-Accountant u l-Authorised Officer biex tohrog stampa aktar cara tas-sitwazzjoni attwali kif ghadna fil-bidu. L-Accountant ghandu jithallas separatament ghall-dan l-istudju. Ezercizzju biex isir analalizi ta' kontravenzjonijiet

Is-Sindku tal-Floriana issekondat din il-mozzjoni.

## Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 29/2012 mizmuma fl-23 ta' Mejju 2012 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## Korrispondenza

Korrispondenza

30.3 Is-Segretarju semmiet korrispondenza li ghaddiet lis-Sindki permezz ta' e-mails,

1. Laqgha ta'Konsultazzjoni – L-isfidi u l-opportunitajiet ghat-turizmu marittimu u dak kostali - MEUSAC – 4 ta' Gunju 2012;
2. Hidma bejn il-Kunsilli ma' ADITUS (NGO li tahdem favur id-drittijiet tal-imigranti) - AKL – 14 ta' Gunju 2012;
3. Oportunita dwar l-ERASMUS biex Sindki u Kunsillieri jiehdu sehem fi program specjali - AKL – 5 ta' Gunju 2012;
4. Kontribuzzjoni mill-Kunsilli Lokali ghall-konferenza Inflowence – Fondazzjoni Temi Zammit – 14 ta' Gunju 2012.
5. Seminar importanti biex il-Kunsilli Lokali jippartecipaw fil-Malta Trade Fair – AKL – 23 ta' Mejju 2012

30.4 **Punti Mqajjma**

30.4.1 **LES.**

30.4.1.1 **Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip**

Bhalissa l-Authorised officers qed iduru f' kull Kunsilli Lokali biex isir stharrig jekk dawn ghandhomx tabelli kif suppost f' areas specifici fejn hu projbit tipjip skond il-Memos 123/2011 u 9/2012. Eventwalment jigi prezentat rapport. Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip

30.4.1.2 **Warden Services fil-Marsa**

Il-Kunsill Lokali tal-Marsa kemm b' korrispondenza kif ukoll bis-Sindku prezenti, talbu li minn issa jerga' jidba jinghata servizz ta' Local Wardens limitatament biss fl-inhawi tal-Korsa taz-Zwiemel kif ukoll f' Timber Wharf. L-Authorised Officer ghandu jkun infurmat minnufih biex jiehu l-passi necessarji. Warden Services Marsa

30.4.1.3 **Tender Warden Services**

Tender Warden Services

Attwalment dan kien l-ahhar suggett ghad-diskussjoni. Mill-ahhar laqgha kienet saret komunikazzjoni immedjata mad-Direttur (DLG) li giet ikkupjata wkoll lill-Onor Dr Carm Mifsud Bonnici, Ministru responsabbli ghall-Kunsilli Lokali kif ukoll lilll-Onorevoli Prim Ministru peress li fil-fratemp kien irrizenja tal-Onorevoli Ministru, qabel ma jigu nfurmati l-partijiet interessati, u dan sabiex jidderigi lir-Regjun, qabel ma dan tohrog l-Acceptance of Tender, fuq kuntratti li ghadhom in vigore, in vista tar-riperkussjonijiet li jistghu jinqalghu jekk jinghata t-tender.

Filwaqt li Memo 78/2011 mahruga fis-26 t' Awissu 2011 kienet tghid li l-kuntratti relatati direttament mas-Sistema ta' Infurzar Lokali (LES) kellhom jigu assenjati lir-Regjuni mill- 1 ta' Settembru 2011, *dawn kienu ser jibqghu validi sakemm eventwalment jidhlu fis-sehh flokhom kuntratti godda,* waqt li f' korrispondenza ricenti, id-Dipartiment kien tal-opinjoni li r-Regjun ghandu *jkompli jġedded il-kuntratti/ftehim relatati eżistenti sakemm jasal jiskadi l-aħħar kuntratt/ftehim relatat u wara joħroġ it-tender afresh . . . u li madankollu jkun aħjar jekk ir-Reġjun jikseb parir legali dwar x'inhu l-aħjar li jsir mingħand il-konsulent legali* tagħna. Kien sar il-hin u bosta mill-membri kellhom bzonn jitilqu b' konsegwenza li ma kienx hemm kworum; ghalhekk dan ser jkompli jigi diskuss u analizzat fil-laqgha li jmiss.

30.4.1.4 **Tender Authorised Officer Services**

Tender Authorised Officer Services

Mill-ahhar laqgha kienet saret komunikazzjoni immedjata mad-Direttur (DLG) li giet ikkupjata wkoll lill-Onor Dr Carm Mifsud Bonnici, Ministru responsabbli ghall-Kunsilli Lokali kif ukoll lilll-Onorevoli Prim Ministru peress li fil-fratemp kien irrizenja tal-Onorevoli Ministru, qabel ma jigu nfurmati l-partijiet interessati, u dan sabiex jidderigi lir-Regjun, qabel ma dan tohrog l-Acceptance of Tender, fuq kuntratti li ghadhom in vigore, in vista tar-riperkussjonijiet li jistghu jinqalghu jekk jinghata t-tender. Ir-risposta kienet li r-Regjun ghandu jiehu parir legali. Sa dan it-tant pero' gie deciz li r-Regjun jippublika l-award u gew notifikati l-partiijiet interessati fil-21 ta' Gunju 2012.

30.4.1.5 **Haddiema tat-Tribunali**

Haddiema tat-Tribunali

F' komunikazzjoni tal-ETC mas-Segretarji Ezekuttivi Regjonali, gie spjegat il-process ta' kif ghandhom jigu impjegati haddiema mat-Tribunali u dan billi ssir call for applications u l-ETC tipprovdi l-list ta' dawk jirregistraw fuq Part I; jekk ma jkunx hemm min hu addatat tigi prezentata lista ta' dawk jirregistraw fuq Part II u jekk jerggha ma jkunx hemm min hu addata tigi provduta l-lista ta' min qieghed jirregistra fuq Part III. Din is-sistema m' hiex sewwa jew xierqa fuq il-haddiema tat-Tribunali meta wiehed iqis kemm dawn ilhom jahdmu fit-Tribunali u l-esperjenza li ghandhom.

Ghalhekk ir-Regjun reggha kkomunika mad-Direttur (DLG) dwar dawn il-haddiema. Fil-fatt id-Direttur issugerixxa li ssir laqgha ohra mieghu li ghaliha mistieden ukoll is-Sur Michael Cohen. Din ser tinzamm fis-26 ta' Lulju 2012.

Gheluq tat-Tribunali F' Awissu

Gie deciz minn dawk kollha prezenti li peress li f' Awissu ma jkunx hemm seduti, it-Tribunali ghandu jibqghu maghluqa ghall-vaganzi tas-sajf fil-gimgha ta' Santa Maria ie mit-13 sas-17 t' Awissu 2012.

30.4.1.6 **Datatrak**

Datatrak Ftehim Gdid

Is-Segreatrju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li Datatrak kienet ghada kemm wasslet kopja tal-ftehim il-gdid biex eventwalment jigi ffirmat mill-President u s-Segrertarju Ezekuttiv. Biss l-Authorised Officers tar-Regjuni riedu jiccaraw punti partikolari li jistghu jigi irrangati jew isir side-agreement u li ghal dan il-ghan ser issir

laqgha ghalihom fil-qrib. Il-President tal- AKL hass, li wara x-xoghol kollu li ghamel bhala intermedjarju biex ir-Regjuni jaslu ghal decisjoni komuni ma' Datatrak, ma kienx hemm lok ghal din il-kustjoni.

30.4.1.7 **Kopji ta' Tender u Agreements**

Kopji ta' Ftehim/Tenders

Sal-lum is-Segretarju Ezekuttiv ghada tipprova tigbor kopji ta' Tenders u Agreements biex ikun jista jsir hlasijiet ghal servizzi marbuta mal-LES. Wara li gie nfurmat id-Direttur (DLG) peress li jidher li hemm minnhom li ma nstabu mkien u bosta ohrajn li mhux iffirmati, l-istess Direttur informa lir-Regjun li la lanqas ma' kellhom kopji l-partijiet interessati lanqas kien ser ikollu d-Dipartiment u ssugerxxa li r-Regjun ghandu jiehu parir legali u jekk jhoss il-bzonn jibda investigazzjoni.
Ir-Regjun m' ghandux ghalfejn jinvestiga xi haga li ma kellux kontroll fuqha sal-31 t' Awissu 2011. Il-parir legali ssugerixxa li ghandhom johorgu tenders godda u konsegwentement jsiru ftehim godda.
Dawk prezenti unanimament qabblu li jawtorizzaw il-hlasijiet pendenti ta' certu service providers, li kopji ta' dokumenti relatat mas-servizz taghhom ma gewx mghoddija lir-Regjun, izda ghandu jsir taht forma ta' hlas bi protesta.
Qabblu wkoll li ghanda tintbaghat ittra ufficcjali lis-Segretarji biex jipprovdu kopji ta' kull agreement/kuntratt. Fejn dan mhux possibli is-Segretarji ghandhom jiddikjaraw ghaliex id-dokumenti mhux disponibbli jew jiddikaraw li m' hemmx.

30.4.1.8 **Tender ghal servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun**

Tender Prosekutur Tribunal Lokali taz-Zejtun

Fit-13 ta' Gunju 2012, gie ppublikat it-Tender ghall-Prosekutur tat-Tribunal taz-Zejtun, li jghalaq fis-16 ta' Lulju 2012.

30.4.2 **Ufficcju Regjonali**

Ufficcju Regjonali Kwotazzjonijiet

Is-sotto-kumitat mahtur biex jevalwa l-kwotazzjonijiet, s' issa ddecieda li l-ahjar kwotazzjoni ghal :-
Photocopier/Printer/Fax hija ta' Image Systems Ltd
Stationery hija ta' Smart Office Supplies
Siggijiet hija ta' JB Stores
Telefonija hija ta' Melita
Table top fridge ta' Petrolea
Barra min hekk, fil-fond fejn ser ikun hemm l-Ufficcju Regjonali kien hemm *conference table* tal-kewba mastizz. L-aktar kwotazzjoni irhisa ghal conference table kienet ta' madwar €700. Ghalhekk gie deciz li r-Regjun izomm din il-mejda u bhala tpacija, r-Regjun ghandu jaghmel il-kitchenette hu.

30.4.3 **LOGO**

Logo

Ricentement is-Segreatrju Ezekuttiv regghet ikkomunikat mad-Dipartment sabiex forsi jkun possibli li r-Regjun izanzan il-Logo ghall-ewwel Laqgha Amministrattiva li ser tinzamm fl-14 ta' Lulju.
Ufficcjal mid-Dipartiment infurmat verbalment lis-Segretarju Ezekuttiv li peress li r-Regjun ma kienx iffirma l-kopji kif suppost, ser jigi ppubllikat dik il-gimgha stess il-Logos tar-Regjun l-ohra barra tax-Xlokk.
Giet mibghuta l-korrispondenza kollha li turi kif fill-fatt kemm il-President kif ukoll is-Segtreetarju Ezekuttiv kienu iffirmaw id-dokumenti kif mitlub mid-Dipartment. Id-Direttur issa talab li sir komminikazzjoni mieghu mis-Segreatrju Ezekuttiv nhar it-Tnejn li gej.

30.4.4 **Laqgha Amministrattiva**

Laqgha Amministrattiva

L-ewwel Laqgha Amministrattiva tar-Regjun ser tinzamm is-Sibt, 14 ta' Lulju 2012. Is-sotto-kumitat li evalwa l-kwotazzjonijiet iddiecieda li din tinzamm fil-Lukanda Osborne il-Belt Valletta. Dawk prezenti qabblu li ghandu jithallas depozitu ta' €250. Hargu l-inviti izda ta' min jninnota li sal-lum Kunsillier wiehed biss kien ghadu kkonferma l-attendenza.

## 30.5 Affarijiet Finanzjarji

30.5.1 **Hlasijiet**

Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*. Hlas lill-Guard & Warden Service Hose Ltd kellu jsir peress li dan l-operatur ma kienx ser ikompli jghati servizz jekk ma sjirx hlas u gie deciz li jsir dan il-hlas biex is-sistema ma tieqafx.

30.5.2 Bhal ma' ntqal precedentement, dawk prezenti unanimament qabblu li jawtorizzaw il-hlasijiet pendenti ta' certu service providers, li kopji ta' dokumenti relatat mas-servizz taghhom ma gewx mghoddija lir-Regjun, izda ghandu jsir taht forma ta' hlas bi protesta.

## 30.6 Affarijiet Ohra

30.6.1 **Aurelia Enforcement Ltd**

Servizz Ta' Wardens Fil-Marsa Marzu/April

Wara li fil-laqgha Amministrattiva ta' Frar, is-Sindku tal-Marsa kien talab li jigi sospiz is-servizz tal-Wardens fil-Loklita', waslu ghand ir-Regjun invoices ghal-Servizz ta' Wardens minghand Aurelia Enforcement Ltd ghax-xhur ta' Marzu u April. Is-Segretarju Ezekuttiv kienet infurmat l-Authorised Officer biex dan is-servizz jigi sospiz indefinitavament, Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Marsa ikkonferma verbalment li qatt ma' talab ghal warden services hlief darbejn f' urgenza. Ghalhekk ser issir kommunikazzjoni ma' din il-kumpanija biex tigi sorvolata din il-kwistjoni.

30.6.2 **ECO Wardens**

ECO Wardens

Fit-Tender li dalwaqt ser jigi mghoti, ir-Regjun kien talab ghall-80 siegha ta' ECO Wardens – dan ifisser 40 siegha ta' servizz ghaliex dawn il-Wardens jahdmu tnejn tnejn. F' Regjun ta' 15-il Kunsill jistghu jigu allokati 8 sieghat b' zewg haddiema ghal kull kunsill u jerggha jmiss turn wara 3 gimghat. Dan huwa servizz li ma tistax tezegqih f' siegha wahda izda jkun mifrux fuq numru ta' sieghat ghax ma jirnexilekx taqbad lil min abbuza.

Peress li jidher li l-Kunsilli Lokali huma kollha nteressati f' dan is-servizz, inizjalment – speci ta' linja gwida - gie deciz minn dawk kollha prezenti li r-Regjun ghandu jigi mgharraf bir-rikjesti specifici ta' kull lokalita biex wara jsir tqassim gust ta' dawn is-sieghat. Ghandha tintbaghat *e-mail* f' dan is-sens lill-Kunsilli Lokali kollha biex jissottomettu r-rikjesti partikolari taghhom billi jindikaw gurnata specifika, il-hin u possibilment il-lokalita' izda ma jfissirx li ghanda tibqa dejjem l-istess gurnata eventwalment. Investiment f' din is-sistema ghandu jkun relatat ma' kemm hi possibli t-talba u kemm eventwalment tigi tqum.

Wiehed irid izomm f' mohhu kemm hu problema biex ECO warden iharrek lil xi hadd u ghandu jsir sforz biex inizjalment dawn jiffokaw fuq il-hmieg tal-klieb.

30.7 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm l-Erbgha, ta' Lulju 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom tar-Regjun Xlokk.

___________________________
Chev. Paul Farrugia
President

___________________________
M' Lourdes Lautier
Segretarju Ezekuttiv

Minuti approvati llum __________________, _______ ta'_____________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar